# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1289/00**

**Numru 35**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Pierre Camilleri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm271.55) bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2000, 16 ta' Marzu 2000, 8 t'Ottubru 1999, 9 ta' April 1999 u 18 ta' Frar 1999, u bl-imghax tat-8% fuq Lm271.55 mit-18 ta' Frar 1999 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm271.55,0 bl-imghax legali mit-18 ta’ Frar 1999 sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-20 ta’ Gunju 2000 tas-16 ta’ Marzu 2000, tat-8 ta’ Ottubru 1999, tad-9 ta’ April 1999 u tat-18 ta’ Frar 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg